MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 404/2013

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta’ Mejju 1996 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal li jisimhom x u y kif jirrizulta mill-annessi zewg certifikati tat-twelid (Dok B u C);

Illi l-partijiet gew dikjarati legalment separati b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell datata 11 ta’ Novembru 2011 (Dok. D);

Illi pero huma kienu ilhom mifrudin zgur mill-4 ta’ April 2006 meta l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali u hadet it-tifla li kellha minn relazzjoni ma terz u cioe Francesca. Dan jirrizulta wkoll mis-sentenza fuq citata;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom is-snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

i) Tipprununzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ Awissu, 2013;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-11 ta’ Novembru 2011, izda kienu ilhom mifrudin de facto mill-4 ta’ April 2006;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi l-intimata iddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghandu u illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta’ manteniment ghall-ulied;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------